TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 47/11-F

**Joseph Zerafa u Maria Theresa Aquilina**

**vs**

**En Route Malta Drive**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti depożitu fuq karozzi tat-tieġ, u li ma ħadux lura.

L-intimata ma ippreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettew bil-miktub illi huma kienu marru għand id-ditta intimata u ħallsu l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) bħala depożitu fuq karozzi għat-tieġ tagħhom u ħallsu lil ċertu Ms Priscilla Vella li kienet impjegata mad-ditta intimata.

Illi r-rikorrenti, pero' qatt ma ħadu s-servizz u għalhekk talbu l-flus lura.

L-intimat issottometta illi Ms Priscilla Vella ma baqgħetx taħdem magħhom u li hi personali ħadet il-flus.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota illi huwa minnu li r-rikorrenti ħallsu l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300) bħala depożitu u li tagħha ġiet ippreżentata irċevuta. Pero', t-Tribunal ma jarahiex aċċettabli bħala difiża li s-soċjeta' intimata tgħid li l-impjegata serqet il-flus. Fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabbilta' tibqa' tas-soċjeta' intimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888